**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti - Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 37/2023 VG**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 4 ta' Marzu 2024**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mill-Bank of Valletta p.l.c. fis-16 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema talab li t-Tribunal: (i) jikkanċella, jannulla u/jew iħassar il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV153918 maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi, in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond Nru.19, Sqaq Numru 3, Triq Brittannia, illum magħrufa bħala Triq Jimmy Farrugia, Tarxein, konsegwenti għal-liberazzjoni wara bejgħ in subbasta miżmum taħt l-Awtorità tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Diċembru 2020, stante li tali Likwidazzjoni ta' Taxxa hija preskritta bit-terminu ta' sena a tenur ta' l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement jiddikjaraha nulla u bla effett; (ii) subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel talba, jannulla, jirrevoka u/jew iħassar l-Avviż maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi datat 3 ta' Frar 2023 u notifikat lill-Bank fit-22 ta' Frar 2023, fejn ġie dikjarat li l-oġġezzjoni tiegħu hija waħda invalida u/jew caħad ta' l-istess oġġezzjoni datata 21 ta' Novembru 2023 [recte: 2022]; (iii) subordinatament u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, jiddikjara li ladarba si tratta ta' bejgħ in subbasta, il-Kummissarju tat-Taxxi ma għandux jagħmel l-eżerċizzju ta' reviżjoni a tenur ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement lanqas kien hemm raġuni valida fil-Liġi biex il-Kummissarju tat-Taxxi jimponi taxxa u taxxa addizzjonali, in segwitu tad-digriet jew sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili; (iv) subordinatament u bla preġudizzju, jikkanċella, jannulla u/jew iħassar il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV153918 maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fis-26 ta' Ottubru 2022 stante li maħruġa mingħajr ebda raġuni valida fil-Liġi biex l-istess Kummissarju jagħmel eżerċizzju ta' reviżjoni ai termini ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta u jiddikjara l-istess Likwidazzjoni ta' Taxxa bħala nulla u bla effett, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur makrati Dok. "KM1" a fol. 11 sa' 13 tal-proċess u Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 14 sa' 19 tal-proċess;

Ra n-Nota ppreżentata mill-Kummissarju tat-Taxxi fit-3 ta' April 2023[1] permezz ta' liema iddikjara li *filwaqt li jagħmel referenza għall-artikolu 52 ta' l-Att 364 tal-Liġijiet ta' Malta*

[1] Fol. 22 tal-proċess.

*"Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti", li ġie emendat b'Att XVIII.2021 "Att sabiex jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2021 u miżuri amministrattivi oħra" u għal artikolu 26(2) ta' l-Att XVIII.2021 li jipprovdi li l-emendi għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021, qed jammetti t-talba limitatament a bażi tal-fatt li l-bejgħ in subbasta (nru. 37/2019) tal-fond numru dsatax (19), Sqaq numru tlieta (3), aċċessibbli minn Triq Brittania, illum magħrufa bħala Triq Jimmy Farrugia, Tarxien, saret fis-17 ta' Diċembru 2020 u allura qabel ma ġiet fis-seħħ l-emenda fl-artikolu 52 u konsegwentement qed jikkanċella u jħassar l-istima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fis-26 ta' Ottubru 2022, Kont Nru. IV153918 u dan kif inhu konfermat mill-anness dokument markat "Dok CTD1"[2];*

Ra d-Digriet datat 24 ta' April 2023[3] permezz ta' liema t-Tribunal ordna li r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi bid-dokument anness magħha, jiġu notifikati lill-Bank Rikorrent, bi żmien 20 ġurnata min-notifika biex jiddikjara jekk ir-rimedju mogħti lilu mill-Kummissarju tat-Taxxi huwiex wieħed sodisfaċenti;

Ra n-Nota tal-Bank Rikorrent ippreżentata fit-3 ta' Mejju 2023[4], permezz ta' liema issottometta s-segwenti: (i) *l-esponenti tiddikjara li ma hijiex sodisfatta bir-rimedju provdut mill-Kummissarju intimat fin-nota tiegħu tat-3 ta' April 2023*; (ii) *illi fl-umli sottomissjoni ta' l-esponenti, jekk il-Kummissarju intimat jrid jammetti t-talbiet tar-rikorrenti dan għandu jagħmlu mingħajr ebda kundizzjonijiet; Għal kull buon fini l-esponenti minn issa tiddikjara li ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet li jakkompanjaw l-ammissjoni kwalifikata tal-Kummissarju fin-nota tiegħu ppreżentata fit-3 ta' April 2023*; (iii) *illi fl-umli sottomissjoni ta' l-esponenti, jekk il-Kummissarju intimat jrid jammetti t-talbiet tar-Rikorrent b'mod inkondizzjonat, dan l-Onorabbli Tribunal għandu jappunta din il-kawża għas-smigħ dakinhar jekk ikun hemm tali ammissjoni inkondizzjonata, l-istess Onorabbli Tribunal jiddifferixxi l-kawza għas-sentenza sabiex: (i) ikun dan it-Tribunal li jikkanċella l-istima maħruġa mill-intimat fis-26 ta' Ottubru 2022; u (ii) l-istess Tribunal ikun jista' jiddeċiedi dwar il-kap ta' l-ispejjeż ta' din il-kawża;*

Ra d-Digriet datat 9 ta' Mejju 2023[5], permezz ta' liema in segwitu għan-Nota tal-Bank Rikorrent fejn iddikjara ruħu mhux sodisfatt bir-rimedju propost mill-Kummissarju tat-Taxxi, ai termini ta' l-Artikolu 15(6) tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal ipprefiġġja terminu ta' 20 ġurnata lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jippreżenta Risposta għall-appell ta' l-istess Bank Rikorrent;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi għat-talbiet tal-Bank Rikorrent permezz ta' liema eċċepixxa li: (i) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV153918, maħruġa fis-26 ta' Ottubru 2022, ġiet ikkanċellata mill-istess Kummissarju stante li l-bejgħ in subbsta tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri sar fis-17 ta' Diċembru 2020 u allura qabel ma ġiet fis-seħħ l-emenda għall-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie emendat b'Att XVIII.2021 "Att sabiex jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021 u miżuri amministrattivi oħra"; (ii) it-talba tal-Bank Rikorrent sabiex dan it-Tribunal jikkanċella, jannulla u jħassar l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa, ġiet aċċettata mill-Kummissarju iżda mhux għar-raġunijiet premessi mill-istess Bank Rikorrent fir-Rikors promotur. Una volta li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV153918 ġiet ikkanċellata, il-mertu ġie eżawrit għal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet tal-Bank Rikorrent; (iii) il-Kummissarju mhux qed jammetti t-tielet talba tal-Bank Rikorrent u dana billi, in linea preliminari, it-talba in kwistjoni tmur oltre l-kompetenza ta' dan it-Tribunal u fi kwalunkwe

[2] Fol. 23 tal-proċess.
[3] Fol. 25 tal-proċess.
[4] Fol. 27 u 28 tal-proċess.
[5] Fol. 29 tal-proċess.

każ, bla preġudizzju, il-Leġislatur indirizza l-materja għal bejgħ bis-subbasta li saru wara li ġiet fl-effett il-Liġi u cioè 1 ta' Jannar 2021 u li ma japplikawx għall-każ odjern; (iv) in kwantu rigwarda deċiżjoni dwar il-kap ta' l-ispejjeż, jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tat-Tribunal;

Ra li b'Digriet datat 22 ta' Jannar 2024, ġiet ordnata korrezzjoni fir-Rikors promotur u fir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi, b'dana li taħt l-intestatura tat-Tribunal jiżdiedu l-kliem "Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti - Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta";

Ra li waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2024[6], il-partijiet kontendenti ddikjaraw li ladarba l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet ikkanċellata, il-mertu tal-proċeduri odjerni jinsab eżawrit u kull ma jonqos hija biss il-kwistjoni ta' l-ispejjeż;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti dwar il-kap ta' l-ispejjeż;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni l-Bank Rikorrent kkontesta Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV153918[7] maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi fis-26 ta' Ottubru 2022, permezz ta' liema l-imsemmi Kummissarju kien qed jesiġi l-ħlas tas-somma ta' €780 bħala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €52,000, flimkien mas-somma ulterjuri ta' €156 rappreżentanti taxxa addizzjonali/penali, komplessivament ammontanti għal **€936**, in konnessjoni ma' l-akkwist tal-fond 19, Sqaq Numru 3, Triq Brittania, illum magħrufa bħala Triq Jimmy Farrugia, Tarxien.

Huwa talab sabiex it-Tribunal (i) jikkanċella, jannulla u/jew iħassar il-Likwidazzjoni ta ' Taxxa bil-Kont Nru. IV153918 maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi, in konnessjoni ma 'l-akkwist tal-fond Nru.19, Sqaq Numru 3, Triq Brittannia, illum magħrufa bħala Triq Jimmy Farrugia, Tarxein, konsegwenti għal-liberazzjoni wara bejgħ in subbasta miżmum taħt l-Awtorità tal-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta 'Diċembru 2020, stante li tali Likwidazzjoni ta' Taxxa hija preskritta bit-terminu ta 'sena a tenur ta 'l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta 'Malta u konsegwentement jiddikjaraha nulla u bla effett; (ii) subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel talba, jannulla, jirrevoka u/jew iħassar l-Avviż maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi datat 3 ta 'Frar 2023 u notifikat lill-Bank fit-22 ta 'Frar 2023, fejn ġie dikjarat li l-oġġezzjoni tagħha hija waħda invalida u/jew caħad ta 'l-istess oġġezzjoni datata 21 ta 'Novembru 2023 [recte: 2022][8]; (iii) subordinatament u mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, jiddikjara li ladarba si tratta ta 'bejgħ in subbasta, il-Kummissarju tat-Taxxi ma għandux jagħmel l-eżerċizzju ta 'reviżjoni a tenur ta 'l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta 'Malta u konsegwentement lanqas kien hemm raġuni valida fil-Liġi biex il-Kummissarju tat-Taxxi jimponi taxxa u taxxa addizzjonali, in segwitu tad-digriet jew sentenza tal-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili; (iv) subordinatament u bla preġudizzju, jikkanċella, jannulla u/jew iħassar il-Likwidazzjoni ta 'Taxxa bil-Kont Nru. IV153918 maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fis-26 ta 'Ottubru 2022 stante li maħruġa mingħajr ebda raġuni valida fil-Liġi biex l-istess Kummissarju jagħmel eżerċizzju ta ' reviżjoni ai termini ta 'l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta 'Malta u jiddikjara l-istess Likwidazzjoni ta 'Taxxa bħala nulla u bla effett.at-Taxxi.

[6] Fol. 42 tal-proċess.
[7] Dok. "A" fol. 14 tal-proċess.
[8] Vide Dok. "C" a fol. 16 sa' 18 tal-proċess.

Permezz ta' Nota ppreżentata mill-Kummissarju tat-Taxxi, illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, fit-3 ta' April 2023[9], il-Kummissarju ddikjara li *filwaqt li jagħmel referenza għall-artikolu 52 ta' l-Att 364 tal-Liġijiet ta' Malta "Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti", li ġie emendat b'Att XVIII.2021 "Att sabiex jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2021 u miżuri amministrattivi oħra" u għal artikolu 26(2) ta' l-Att XVIII.2021 li jipprovdi li l-emendi għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021, qed jammetti t-talba limitatament a bażi tal-fatt li l-bejgħ in subbasta (nru. 37/2019) tal-fond numru dsatax (19), Sqaq numru tlieta (3), aċċessibbli minn Triq Brittania, illum magħrufa bħala Triq Jimmy Farrugia, Tarxien, saret fis-17 ta' Diċembru 2020 u allura qabel ma ġiet fis-seħħ l-emenda fl-artikolu 52 u konsegwentement qed jikkanċella u jħassar l-istima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fis-26 ta' Ottubru 2022, Kont Nru. IV153918 u dan kif inhu konfermat mill-anness dokument markat "Dok CTD1"*[10].

Is-soluzzjoni proposta mill-Kummissarju tat-Taxxi però ma ġietx aċċettata mill-Bank Rikorrent u għaldaqstant l-istess Kummissarju ngħata terminu entro liema jressaq ir-Risposta tiegħu għat-talbiet tal-Bank Rikorrent.

B'Risposta ppreżentata fit-30 ta' Mejju 2023, il-Kummissarju tat-Taxxi, illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, eċċepixxa li (i) il-Likwidazzjoni ta 'Taxxa bil-Kont Nru. IV153918, maħruġa fis-26 ta 'Ottubru 2022, ġiet ikkanċellata mill-istess Kummissarju stante li l-bejgħ in subbsta tal-fond mertu ta 'dawn il-proċeduri sar fis-17 ta 'Diċembru 2020 u allura qabel ma ġiet fis-seħħ l-emenda għall-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta 'Malta li ġie emendat b'Att XVIII.2021 "Att sabiex jimplimenta Miżuri ta 'l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021 u miżuri amministrattivi oħra"; (ii) it-talba tal-Bank Rikorrent sabiex dan it-Tribunal jikkanċella, jannulla u jħassar l-imsemmija Likwidazzjoni ta 'Taxxa, ġiet aċċettata mill-Kummissarju iżda mhux għar-raġunijiet premessi mill-istess Bank Rikorrent fir-Rikors promotur. Una volta li l-Likwidazzjoni ta 'Taxxa bil-Kont Nru. IV153918 ġiet ikkanċellata, il-mertu ġie eżawrit għal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni u r-raba 'talbiet tal-Bank Rikorrent; (iii) il-Kummissarju mhux qed jammetti t-tielet talba tal-Bank Rikorrent u dana billi, in linea preliminari, it-talba in kwistjoni tmur oltre l-kompetenza ta 'dan it-Tribunal u fi kwalunkwe każ, bla preġudizzju, il-Leġislatur indirizza il-materja għal bejgħ bis-subbasta li saru wara li ġiet fl-effett il-Liġi u cioè 1 ta 'Jannar 2021 u li ma japplikawx għall-każ odjern; (iv) in kwantu rigwarda deċiżjoni dwar il-kap ta 'l-ispejjeż, jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni tat-Tribunal.

Fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2024[11], il-partijiet kontendenti ddikjaraw li ladarba l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet ikkanċellata, il-mertu tal-proċeduri odjerni jinsab eżawrit u kull ma jonqos hija biss il-kwistjoni ta' l-ispejjeż.

Fir-Risposta tiegħu l-Kummissarju tat-Taxxi, bla ebda tlaqliq, iddikjara li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet ikkanċellata **peress illi l-bejgħ in subbasta tal-fond 19, Sqaq Nru. 3, Triq Brittania llum Triq Jimmy Farrugia, Tarxien, sar fis-17 ta 'Diċembru 2020, ossia qabel ma ġiet fis-seħħ l-emenda għall-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta 'Malta in forza ta' l-Att XVIII ta' l-2021**.

L-Artikolu 52(1) u (4)(a) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta (is-subartikoli pertinenti għall-proċeduri odjerni) **illum**, jew aħjar b'effett mill-**1 ta' Jannar 2021**[12], in segwitu għall-emendi introdotti bl-Att XVIII ta' l-2021, jipprovdu li: *(1)Meta l-Kummissarju jkun*

[9] Fol. 22 tal-proċess.
[10] Fol. 23 tal-proċess.
[11] Fol. 42 tal-proċess.
[12] Artikolu 26(2) ta' l-Att XVIII ta' l-2021.

*sodisfatt li l-prezz jew dak li jkollu jingħata bi ħlas, jew valur kif dikjarat f* ***dokument***[13] *li bih kwalunkwe ħaġa immobbli jew xi dritt reali fuq xi immobbli jiġi trasferit, jew f dikjarazzjoni ta trasferiment causa mortis magħmula skont l-artikolu 33, ikun inqas minn ħamsa u tmenin fil-mija (85%) tal-valur reali jew ta dak li jkollu jingħata bi ħlas kif stabbilit mill-Kummissarju, jew ikun inqas minn dak li jkollu jingħata bi ħlas li jirriżulta lill-Kummissarju li jkun fil-fatt tħallas, jew meta dikjarazzjoni li kellha ssir skont l-artikolu 33 ma tkunx saret, huwa għandu jgħaddi sabiex jiddeċiedi b ordni bil-miktub l-ammont ta taxxa dovuta fuq id-differenza bejn il-valur jew dak li jkollu jingħata bi ħlas dikjarat u l-valur jew dak li jkollu jingħata bi ħlas għall-immobbli kif stabbilit jew kif jirriżulta lill-Kummissarju li jkun attwalment tħallas jew it-taxxa li kellha titħallas, skont il-każ, u għandu jagħmel stima skont il-każ: Iżda meta dikjarazzjoni ma tkunx saret kif imsemmi qabel, ebda ħaġa f dan is-subartikolu ma għandha titqies li teżenta lil min jirċievi causa mortis minn kull obbligazzjoni sabiex jagħmel id-dikjarazzjoni relattiva skont l-artikolu 33 iżda kull taxxa mħallsa wara li ssir stima għandha wkoll titqies f kull dikjarazzjoni oħra li ssir warajha: Iżda wkoll meta dikjarazzjoni ma tkunx saret kif imsemmi qabel il-Kummissarju ma jistax iwettaq is-setgħat tiegħu taħt dan l-artikolu wara li jiskadu tletin (30) sena mis-seħħ tat-trasferiment causa mortis. … (4)(a) Meta l-Kummissarju jkun stabbilixxa li l-valur tal-immobbli kif dikjarat* ***fid-dokument ta trasferiment***[14] *jew f dikjarazzjoni ta trasferiment causa mortis ikun inqas minn ħamsa u tmenin fil-mija tal-valur reali jew ta dak li jkollu jingħata bi ħlas kif stabbilit fis-subartikolu (1) jew meta fil-fehma tal-Kummissarju id-****dokument ta trasferiment***[15] *jew l-att ta dikjarazzjoni magħmulin skont l-artikolu 33 ma jkunux jirriflettu l-kondizzjonijiet veri tat-trasferiment, il-persuna li tittrasferixxi fi trasferiment inter vivos u l-persuna li tirċievi t-trasferiment għandhom iħallsu taxxa addizzjonali ekwivalenti għal għoxrin fil-mija (20%) tal-ammont ta taxxa stmata mill-Kummissarju kif imsemmi qabel…*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jidher ferm ċar li l-istess Liġi llum, u b'effett mill-**1 ta' Jannar 2021**, ossia <u>wara</u> d-data li fih il-fond 19, Sqaq Numru 3, Triq Brittania, illum Triq Jimmy Farrugia, Tarxien, ġie liberat a favur il-Bank Rikorrent in segwitu għal bejgħ in subbasta miżmum fis-17 ta' Diċembru 2020 taħt l-Awtorità tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, titkellem dwar **dokument ta' trasferiment**, terminoliġija din iktar in linea ma' dak provdut fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta. In effetti d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom, u minn dejjem kellhom, jinqraw in korrelazzjoni ma' dak provdut fl-Artikolu 32(1) ta' l-istess imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 32(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta kien u għadu jipprovdi li: *għandha titħallas fuq* ***kull dokument u fuq kull sentenza, digriet jew ordni ta' kull Qorti jew awtorità oħra leġittima***[16]*, li bihom ħaġa immobbli jew xi dritt reali fuq xi immobbli jiġi trasferit lil xi persuna u fuq kull dikjarazzjoni magħmula skond l-artikolu 33, għar-rigward ta' persuni li minnhom joriġina t-trasferiment causa mortis li mietu fi jew wara t-23 ta' Novembru 1999, taxxa ta' ħames euro (5) għal kull mitt euro (100) jew parti minnha ta' l-ammont jew tal-valur ta' dak li jingħata bil-ħlas tal-ħaġa trasferita jew tal-valur ta' dik il-ħaġa, liema jkun l-akbar*

Qabel l-emendi introdotti bl-Att XVIII ta' l-2021, l-Artikolu 52(1) u (4)(a) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, kienu jipprovdu: *Meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li l-prezz jew dak li jkollu jingħata bi ħlas jew valur għal immobbli* ***kif dikjarat f kuntratt ta trasferiment jew f dikjarazzjoni ta trasferiment causa mortis magħmula***

[13] Enfasi tat-Tribunal.
[14] Enfasi tat-Tribunal.
[15] Enfasi tat-Tribunal.
[16] Enfasi tat-Tribunal.

***skont l-artikolu 33***[17], *ikun inqas minn ħamsa u tmenin fil-mija tal-valur reali jew ta dak li jkollu jingħata bi ħlas kif stabbilit mill-Kummissarju, jew ikun inqas minn dak li jkollu jingħata bi ħlas li jirriżulta lill-Kummissarju li jkun fil-fatt tħallas mal-att, jew meta dikjarazzjoni li kellha ssir skont l-artikolu 33 ma tkunx saret, huwa għandu jgħaddi biex jiddeċiedi b ordni bil-miktub l-ammont ta taxxa dovuta fuq id-differenza bejn il-valur jew dak li jkollu jingħata bi ħlas dikjarat fil-kuntratt u l-valur jew dak li jkollu jingħata bi ħlas għall-immobbli kif stabbilit jew kif jirriżulta lill-Kummissarju li jkun attwalment tħallas jew it-taxxa li kellha titħallas fuq dikjarazzjoni, skont il-każ, u għandu jagħmel stima skont il-każ…* - Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta u *meta l-Kummissarju jkun stabbilixxa li l-valur ta' l-immobbli kif dikjarat* ***fl-att ta trasferiment jew f dikjarazzjoni ta trasferiment causa mortis***[18] *ikun inqas minn ħamsa u tmenin fil-mija tal-valur reali jew ta dak li jkollu jingħata bi ħlas kif stabbilit fis-subartikolu (1) jew meta fil-fehma tal-Kummissarju l-kuntratt ta trasferiment jew l-att ta dikjarazzjoni magħmulin skont l-artikolu 33 ma jkunux jirriflettu l-kondizzjonijiet veri tat-trasferiment, il-persuna li tittrasferixxi fi trasferiment inter vivos u l-persuna li tirċievi t-trasferiment għandhom iħallsu taxxa addizzjonali ekwivalenti għal għoxrin fil-mija (20%) tal-ammont ta taxxa stmata mill-Kummissarju kif imsemmi qabel* - Artikolu 52(4)(a) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tad-distinzjoni fit-terminoloġija użata mill-Leġislatur fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn jissemmew *kull dokument u fuq kull sentenza, digriet jew ordni ta' kull Qorti jew awtorità oħra leġittima* u l-Artikolu 52(1)(4)(a) ta' l-istess imsemmi Kapitolu tal-Liġi, fejn jissemma *inter alia* kuntratt/att ta' trasferiment, u dana dejjem qabel ma' daħlu fis-seħħ l-emendi imsemmija iktar 'l fuq, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Kummissarju tat-Taxxi**, **Appell Nru. 69/17**, deċiża fl-10 ta' Diċembru 2021[19], kienet osservat illi: *meta wieħed jikkonsidra ċ-ċirkostanzi partikolari li fihom isir bejgħ bis-subbasta, tasal biex tifhem għal liema raġuni l-leġislatur uża diċitura differenti fiż-żewġ artikoli ċċitati. Hemm loġika wara l-esklużjoni ta dawn it-tipi ta trasferimenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kap. 364, u ladarba l-liġi ma issemmi xejn dwar trasferimenti ta din ix-xorta u ma tinkludihomx taħt l-applikazzjoni tal-artikolu 52, il-appellat ma kellux jikkonsidra dat-tip ta trasferimenti ukoll għall-finijiet tal-impożizzjoni ta taxxa addizzjonali u penali. M għandux ikun li bejgħ li jsir taħt l-awtorità tal-Qorti jiġi rivedut mill-ġdid minn uffiċjal pubbliku bħal ma huwa l-Kummissarju tat-Taxxi, u meta l-Kummissarju appellat ħareġ taxxa addizzjonali u penali fuq trasferiment li sar taħt l-awtorità tal-Qorti, dan arroga għalih innifsu poteri li l-leġislatur fil-fatt ma tahx.*

Fid-dawl ta' dan kollu appena osservat, in partikolari fid-dawl tal-bran appena ċitat mis-sentenza fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. v. Kummissarju tat-Taxxi", **u** fid-dawl tal-fatt li il-Kummissarju tat-Taxxi, illum Kummissarju tat-Taxxa u Dwana, stess jirrikonoxxi li l-Likwidazzjoni ta 'Taxxa mertu ta 'dawn il-proċeduri ġiet ikkanċellata b'effett u b'konsegwenza diretta ta' l-emendi introdotti bl-Att XVIII ta' l-2021, liema emendi applikabbli għall-kwistjoni partikolari trattata f'dawn il-proċeduri daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 ossia, jiġi ribadit, **wara** d-data li fih il-fond 19, Sqaq Numru 3, Triq Brittania, illum Triq Jimmy Farrugia, Tarxien, ġie liberat a favur il-Bank Rikorrent in segwitu għal bejgħ in subbasta miżmum fis-17 ta 'Diċembru 2020 taħt l-Awtorità tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ispejjeż in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana.

---

[17] Enfasi tat-Tribunal.
[18] Enfasi tat-Tribunal.
[19] Hemm ukoll fuq l-istess punt is-sentenza fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. v. Kummissarju tat-Taxxi, Rik. Nru. 68/2017, deċiża fl-10 ta' Diċembru 2021.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal, filwaqt li jiddikjara l-mertu ta' dawn il-proċeduri eżawrit, in kwantu l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV153918 maħruġa fil-konfront tal-Bank Rikorrent ġiet ikkanċellata mill-Kummissarju tat-Taxxi, u b'hekk jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu, jaqta' u jiddeċiedi li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**